# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Frar 2002**

**Numru 3**

**Avviz. numru 48/99mm**

**Commonwealth Educational Society Ltd**

**vs**

**Josephine u Mario konjugi Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fit-12 ta' Jannar 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' mitejn u tmienja u sittin lira Maltija (Lm268.00) import tal-prezz ta' diversi kotba lilhom mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici skond l-iskrittura tas-26 t'Awissu, 1996 (Dok A) kif ukoll l-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv; u dana prevja dikjarazzjoni illi huma ddekadew mill-beneficcju tal-mod u tat-terminu kif lilhom koncess mill-attur nomine fl-istess skrittura, u dana senjatament sew minhabba l-ksur tal-obbligi kuntrattwali

taghhom fir-rigward tal-konsenja tal-kotba li kellhom jigu minnhom accettati pero' effetivament gew minnhom rifjutati meta l-attur nomine wasal sabiex jikkonsenjahomlhom fit-terminu previst fl-iskrittura; kif ukoll minhabba l-inadempjenza da parti taghhom rigwardanti l-kondizzjoni tal-hlas tal-prezz tal-kotba kif indikat fl-istess skrittura permezz ta' pagamenti rateali mensili li, ai termini tal-iskrittura, kellhom jibdew jigu minnhom effettwati lis-socjeta' attrici b'effett mis-26 ta' Ottubru,1996 bir-rata ta' Lm10.72c kull wiehed, izda li baqghu ma sarux.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri legali tal-5 ta' Frar 1997 u tal-4 ta' Awissu,1997, tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Frar,1998, kif ukoll tac-Cedola ta' Depositu - li permezz taghha gew depozitati taht l-awtorita' ta' dina l-Qorti l-kobta ndikati fl-iskrittura (Dok A) - prezentata kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

Illi t-talbiet kif kontenuti fl-avviz huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li mhux minnu li sar validament il-bejgh ta' diversi kotba mis-socjeta' attrici lill-eccipjenti skond l-iskrittura privata tas-26 ta' Awissu 1996.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat  l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi bi ftehim datat 26 ta' Awissu 1996 il-konvenuta accettat li tixtri minghand is-socjeta' attrici kotba fl-ammont ta' mitejn u tmienja u sittin lira Maltija (Lm268.00). Dan il-bejgh sar taht il-forma ta' bejgh bieb bieb, fejn allura giet moghtija l-*cancellation form* li huwa dritt moghti lil xerrej skond id-dispost tal-artikolu 8 tal-Kap 317 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ix-xerrej jista jerga jibdielu jekk jibghat il-formula ta' kancellament fi zmien hmistax-il gurnata kif previst fl-istess artikolu.

Il-konvenuta qieghda tghid illi hija mhix tenuta illi tonera dan il-kuntratt peress illi dan il-bejgh ma kienx wiehed validu. Fit-trattazzjoni tieghu, l-abbli avukat difensur spjega illi meta l-konvenuta ffirmat dak id-dokument ghamlitu taht il-kondizzjoni illi l-ewwel tinforma lill-zewgha u tara jekk ix-xiri ta' dawn il-kotba kienx vantaggjuz ghal familja jew le. Meta l-konjugi ddecidew li ma jipprocedux bil-bejgh, il-konvenuta tghid illi cemplet lis-*salesman* u qaltlu li kienet sejra tikkancella l-ordni. A fol 24 tal-process hemm esebita l-ircevuta tal-*cancellation form* u l-konvenuta gharfet il-firma taghha. Qalet pero', li d-data 26 t'Awissu 1996 ma kienetx bil-*handwriting* taghha. Qalet ukoll illi hija taqra bl-Ingliz u taf x'qed tiffirma u kien hemm okkazzjoni ohra meta ordnat kotba minghand is-socjeta' attrici.

Andrea Sultana li kien is-*salesman* li ghamel dan il-bejgh xehed a fol 67 li huwa gharaf il-firma tieghu fuq il-ftehim. Jiftakar li xi gimghatejn wara l-iffirmar kienet cemplet il-konvenuta u qaltlu li

xtaqet tikkancella l-ordni. Kien kellem lid-direttur tal-kumpanija, s-Sur Aquilina, pero' ma jafx aktar x'gara. Ma kienx jiftakar jekk il-*cancellation form* kienetx mal-kuntratt jew le.

Il-konvenuta ppruvat tiehu vantagg minn din id-dikjarazzjoni biex titfa dubbju dwar l-ezistenza ta' din il-*cancellation form* li suppost kellha tkun mehmuza mal-ftehim, pero' l-Qorti ghandha quddiemha d-dokument a fol 24 li hija rcevuta moghtija lis-salesman u ffirmata mill-konvenuta fejn qed tiddikjara li rceviet l-"*cancellation form"*. Veru illi d-data mhix miktuba bil-*handwriting* tal-konvenuta, pero' b'daqshekk ma jfissirx illi l-ircevuta mhijiex wahda valida jew li l-konvenuta ma rcevietx il-*cancellation form.*

Tajjeb jew hazin il-konvenuta ddikjarat illi taf taqra bl-ingliz u taf x'qed tiffirma u kien hemm okkazzjoni ohra fejn ordnat kotba minghand is-socjeta' attrici. Quindi dan il-metodu ta' bejgh ma kienx xi haga gdida ghall-konvenuta u kienet taf illi kellha tiehu l-pariri necessarji sabiex tikkancella l-ordni fi zmien stipulat mill-Ligi. Dan il-kancellament huwa kopert bl-artikolu 8 tal-Kap 317 tal-Ligijiet ta' Malta li kien in vigore dak iz-zmien illi sar il-ftehim illi kien jirrikjedi illi tali kancellament isir bil-miktub.

Fil-kawza deciza mill-Prim Awla fis-16 ta' Ottubru,1998 fl-ismijiet <u>Godfrey Aquilina noe vs Joseph u Mary konjugi Falzon</u> il-Qorti qalet "id-dritt ta' thassir unilaterali ta' kuntratt huwa biss privilegg specjali mhux dritt generali u ghalhekk jista jsir biss bil-forma u bil-procedura li trid il-ligi. L-Artikolu 10 ta' l-istess Ligi jghid li ladarba l-kuntratt ma jkunx gie kancellat skond l-artikolu 8, mela l-konsumatur ma jkollux dritt li jhassar il-kuntratt….. minghajr ma

jkollu raguni valida", (ara wkoll Godfrey Aquilina et vs Vincent u Guliana Borg  Prim Awla 10 ta' Marzu 1997).

Il-konvenuta ma gabet l-ebda raguni valida ghaliex kellha thassar dan il-kuntratt. Il-kondizzjoni sospensiva illi semma l-avukat taghha fit-trattazzjoni tieghu, dik illi kellha tikkonsulta mar-ragel taghha, mhijiex wahda valida f'dan il-kuntest, peress illi l-beneficcju moghti mill-ligi illi min jixtri b'dan il-mod, huwa proprju ghalhekk, sabiex dak li jkun ikollu *a cooling down period u* jikkonsidra fis-serenita' ghandux jipprocedi bl-ordni jew le. La l-konvenuta ma uzufruwat mill-beneficcju lilha moghti mill-ligi ma tistax issa topponi l-hlas mitlub mis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' mitejn u tmienja u sittin lira Maltija (Lm268.00) import ta' prezz ta' diversi kotba lilhom mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici skond l-iskrittura tas-26 t'Awissu,1996 (Dok A) kif ukoll l-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv; u dana prevja dikjarazzjoni illi huma  ddekadew mill-beneficcju tal-mod u tat-terminu kif lilhom kif lilhom koncess mill-attur nomine fl-istess skrittura, u dana senjatament sew minhabba l-ksur tal-obbligi kuntrattwali taghhom fir-rigward tal-konsenja tal-kotba li kellhom jigu minnhom accettati pero' effettivament gew minnhom rifjutati meta l-attur nomine wasal sabiex jikkonsenjahomlhom fit-terminu previst fl-iskrittura; kif ukoll minhabba l-inadempjenza da parti taghhom rigwardanti l-kondizzjoni tal-hlas tal-prezz tal-

kotba kif indikat fl-istess skrittura permezz ta' pagamenti rateali mensili li, ai termini tal-iskrittura, kellhom jibdew jigu minnhom effettwati lis-socjeta' attrici b'effett mis-26 ta' Ottubru,1996 bir-rata ta' Lm10.72c kull wiehed, izda li baqghu ma sarux.

B'dana illi s-socjeta' attrici tista tinforza l-kreditu taghha fuq il-beni parafernali tal-konvenuta u biss in *subsidium* kif ighid l-artikolu 1329 tal-Kodici Civili fuq il-beni tal-kominjoni tal-akkwisti.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit
Dep Reg